**22 ta' Marzu, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can.(Rome), LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Giuseppe *sive* Joseph Cassar

## Identifikazzjoni – *Identification Parade* – Alibi

*Fil-liġi tagħna mhux meħtieġ li ssir identification parade biex jiġi identifikat l-akkużat, iżda hu ċertament desiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma dak li jkun imsejjaħ biex jidentifika jiġi b'xi mod, anke involontarjament, suġġestjonat.*

*Biex alibi jirnexxi meta jiġi avanzat mill-akkużat m'hemmx għalfejn li jiġi ppruvat b'assolutezza matematika tal-ħin, imma biżżejjed li mill-kumpless taċ-ċirkostanzi jkun jidher verosimili, probabbli, li l-akkużat ma kienx preżenti meta suppost li l-fatt ġara.*

Il-Qorti: –

Rat l-att ta' akkuża numru 40 ta' l-1983 kontra Giuseppe *sive* Joseph Cassar *konsistenti fi* tliet kapi ta' akkuża u ċjoè l-Ewwel Kap b'akkuża ta' serq ta' oġġetti li l-valur tagħhom jeċċedi l-elf lira b'dan li l-istess serq hu aggravat bil-mezz (ksur u skalata), valur, post u ħin; it-tieni Kap li hu alternattiv għall-ewwel wieħed b'akkuża *ta' riċettazzjoni* b'dan li l-valur ta' l-oġġetti jeċċedi l-elf lira; it-tielet kap b'akkuża ta' serq ta' van *transit* li jiswa aktar minn elf lira b'dan li s-serq hu kkwalifikat bil-mezz (ksur, ċavetta falza), valur u ħin;

Rat il-verdett *tal-ġurati* li bih b'sitt voti kontra tlieta sabu lill-akkużat ħati skond l-ewwel kap ta' l-akkuża, unanimament ma sabux lill-istess akkużat ħati skond it-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuża iżda sabuh ħati b'sitt voti kontra *tlieta ta'* kompliċità f'serq *ta' van għall-użu temporanju*. Rat il-verdett l-ieħor separat li bih il-ġurati b'sitt voti kontra tlieta ddikjaraw li l-akkużat kien

ġie misjub ħati ta' serq b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-12 ta' Marzu, 1979;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tat-22 ta' Jannar 1986 li biha ddikjarat lill-akkużat ħati ta' serq ta' oġġetti li l-valur tagħhom jeċċedi l-elf lira b'dana illi l-istess serq huwa aggravat bil-mezz (ksur u skalata), valur, post u ħin u ddikjaratu wkoll reċediv fid-delitt tas-serq, u dana skond l-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuża, u peress li t-tieni kap huwa alternattiv għall-ewwel kap astjeniet milli tieħu konjizzjoni tiegħu, u ddikjarat lill-istess Giuseppe *sive* Joseph Cassar ħati li bil-ħsieb li jagħmel użu temporanju biss minnha kien kompliċi fis-sewqan ta' vettura, mingħajr il-kunsens ta' sidha jew ta' awtorità leġittima oħra, u kkundannat lill-misjub ħati għall-piena tal-priġunerija għaż-żmien ta' sentejn u għaxart ijiem u inoltre kkundannatu jħallas lir-Reġistratur l-ispejjeż taxxati tal-perizji;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-akkużat li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar id-dikjarazzjoni ta' ħtija u s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tat-22 ta' Jannar, 1986 u tordna li jiġu rreġistrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni u li hu konsegwenzjalment jiġi meħlus skond il-liġi;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant in suċċint huma kif ġej:

1) Il-każ kollu tal-prosekuzzjoni kien jistrieħ fuq l-

identifikazzjoni li għamlu Pulo u Cutajar però din l-identifikazzjoni mhux attendibbli;

2) Illi huwa ġie misjub ħati ħażin għaliex il-provi ma kinux tali li kellhom iwasslu għall-konvinzjoni tal-ħtija tiegħu;

3) Sussidjarjament illi f'dan il-każ tant ma ttiħdux prekawzjonijiet kontra l-possibilità ta' żball fl-identifikazzjoni u tant kienu verosimilment u realtistikament intraċċjati l-provi tiegħu illi l-verdett ma jistax jiġi spjegat ħlief bin-nuqqas ta' intendiment tajjeb tar-regoli ta' oneri ta' prova;

4) Fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti l-appellant ilmenta wkoll illi l-Ewwel Qorti ma enfasizzatx biżżejjed lill-ġurati kemm hu perikoluż li wieħed joqgħod fuq identifikazzjoni mhux korroborata minn xhieda li ma jkunux jafu lill-akkużat minn qabel u lanqas ma kienu f'posizzjoni li jarawh sewwa;

Ikkunsidrat:

Illi qabel tgħaddi biex tikkonsidra l-mertu ta' l-appell din il-Qorti sejra tenunzja l-prinċipji li għandhom jirregolaw l-aspetti legali ssollevati bl-aggravji ta' l-appellant;

Rigward il-kwistjoni ta' l-identifikazzjoni jingħad li skond il-liġi tagħna għall-identifikazzjoni ta' l-akkużat mhux neċessarja *"identification parade"* u dan joħroġ mill-artikolu 648 tal-Kodiċi Kriminali li *inter alia* jippreċiża illi biex issir il-prova ta' l-identità ta' persuna li għandha tiġi magħrufa mhux meħtieġ bħala regola li x-xhud jara dik il-persuna minn fost persuni oħra ħlief meta l-Qorti, f'xi każ partikolari, ikun jidhrilha xieraq tagħmel dan għall-finijiet tal-ġustizzja. Dan il-punt ġie ttrattat mill-Qorti ta'

l-appell kriminali (sede inferjuri) *per* W. Harding fil-kawża "Il-Pulizija *vs Leading Steward* Victor Dalmas" deċiża fit-13 ta' Mejju 1961 (Vol. XLV.IV.963), fejn waqt li ġie ribadit dak li għadu kif ingħad fuq dan l-artikolu dik il-Qorti qalet ukoll: "Hu ċertament desiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma dak li jkun imsejjaħ biex jidentifika jiġi b'xi mod, anki involontarjament, suġġestjonat, u hi nota l-prattika rrakkomandata f'ċerti każijiet, fis-sens li f'identifikazzjoni simili, meta jkun jeħtieġ, jinġabru xi persuni, *più o meno* ta' l-istess età u klassi soċjali tad-detenut, li jkun jista' jieħu post fejn irid fosthom;

M'hemmx dubju li kif qal Lord Parker CJ *in R. vs* Parks (1961) I.W.L.R. 1484) *"cases of identification are difficult and can lead to a miscarriage of justice"* u ċertament din il-preokkupazzjoni urietha diġà din il-Qorti fis-sentenza tagħha *in re* Il-Majestà Tagħha r-Reġina *vs* Joseph Hallet mogħtija fit-22 ta' Marzu 1971 fejn ingħad li "ċertament, il-Qorti tirrikonoxxi r-riskji li għalihom tista', in ġenerali, tkun esposta l-prova ta' l-identifikazzjoni ta' persuna. Din il-Qorti f'dak il-każ li kien jinvolvi identifikazzjoni minn fuq ritratti murija mill-pulizija, waqt li enfasizzat il-perikoli inerenti żiedet tgħid li "il-Qorti ma taħsibx illi, għall-finijiet prattiċi tal-ħajja u l-investigazzjoni ta' delitti, essenzjali għall-eżistenza ordinata stess tas-soċjetà, dan jista' jiġi evitat – basta s'intendi li jsir bil-prekawzjonijiet kollha possibbli biex jiġu evitati *"miscarriages of justice"*;

Issa skond l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali salvi l-eċċezzjonijiet li tipprovdi għalihom il-liġi, f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqskemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew iktar;

*Id-dmirijiet ta'* l-Imħallef li jippresjedi l-ġuri huma identifikati mil-liġi stess fl-artikolu 465 tal-Kodiċi Kriminali m'hemmx bżonn jiġu rripetuti hawn;

Dwar l-alibi jiġi osservat dak li qalet din il-Qorti *in re* R *vs* Alfred Muscat deċiż fl-20 ta' Awissu 1968 u ċjoê li "biex alibi *jirnexxi* meta jiġi avanzat mill-akkużat m'hemmx għalfejn li jiġi ppruvat b'assolutezza matematika tal-ħin, li trid toqgħod tqis bil-kronometru *f'idejh, imma* biżżejjed illi mill-kumpless taċ-ċirkostanzi jkun jidher verosimili, probabbli, li l-akkużat ma kienx preżenti meta suppost li l-fatt ġara. M'hemmx bżonn.....*ikun ippruvat mid-difiża "water tight"* għal kollox imma biżżejjed li jkun hemm kompless taċ-ċirkostanzi li minnhom jiddebolixxu t-teżi tal-prosekuzzjoni dwar l-akkuża. (*Ara wkoll f'dan is-sens* Appelli kollha deċiżi minn din il-Qorti R *vs* Joseph Hallet (22-3-71), R *vs* Thomas Moran (1-4-74) u R *vs* Tarcisio Borg (30-6-1975);

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ta' indoli legali l-Qorti issa ser tgħaddi biex *teżamina* l-mertu ta' l-appell;

Fir-rigward ta' l-Indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri din il-Qorti wara *li flietu sew hi* tal-ferma konvinzjoni li ġie spjegat tajjeb lill-ġurati mhux biss il-funzjoni tagħhom iżda anki l-kunċett u import ta' l-oneru tal-prova li l-Prosekuzzjoni għandha *skond il-liġi* u li f'każ ta' dubju raġonevoli dan għandu jiġi mogħti a benefiċċju ta' l-akkużat. F'dan il-kontest jista' anzi jingħad illi l-indirizz huwa impekkabbli. L-appellant ilemnta li *l-Imħallef fl-indirzz tiegħu* ddeskriva r-reat li bih ġie akkużat bħala wieħed "ta' ċertu entità" u "każ serju ħafna" u jsostni li dan seta' influwenza l-ġurati. Din il-Qorti però minn eżami *tal-partijiet relattivi;* mill-indirizz tasal għall-konklużjoni li din

l-enfasi saret proprju biex il-ġurati jkunu konxji tad-doveri tagħhom li jgħarblu sewwa l-provi biex jekk ikollhom dubju serju jagħtuh a benefiċċju ta' l-akkużat. Ma' dan jista' jiżdied ukoll li l-Ewwel Qorti siltet u spjegat lill-ġurati l-elementi kollha ta' konflitt fil-provi fil-każ in diżamina u spjegat ukoll ir-riskji inerenti għall-kwistjoni ta' identifikazzjoni f'dan il-każ;

Dan stabbilit din il-Qorti issa ser tgħaddi biex teżamina jekk l-akkużat appellant ġiex misjub ħati ħażin għaliex il-provi ma kinux tali li kellhom iwasslu għall-konvinzjoni tal-ħtija tiegħu;

Din il-Qorti eżaminat fit-tul u b'ċerta kawtela l-provi li nstemgħu fil-ġuri u waslet għal dawn il-konklużjonijiet u ċjoè:

1) Il-każ kollu tal-prosekuzzjoni hu bbażat fuq l-identifikazzjoni li P.C. Donald Cutajar u P.C. 1114 Saviour Pulo għamlu ta' l-akkużat b'dan li *una volta* skossa ċ-ċertezza ta' din l-identifikazzjoni l-każ tagħha jaqa' irrimedjabbilment għax assolutament m'hemm xejn aktar x'jista jorbot lill-akkużat mas-serqiet *de quo* anzi pjuttost hemm x'juri li ma kienx;

2) Issa filwaqt li skond l-Ispettur Anġlu Farrugia x-xhud P.C. Cutajar u P.C. Pulo għarfu mill-ewwel u b'ċertezza lill-akkużat mill-*identification parade,* meta xehdu P.C. Cutajar u P.C. Pulo fil-ġuri din iċ-ċertezza mhux biss ma baqgħetx assoluta iżda emerġew diversi inkonsistenzi u anki nuqqas ta' qbil bejniethom;

*Omissis;*

Min-naħa tiegħu l-akkużat kien konsistenti fit-teżi tiegħu sa mill-mument ta' l-arrest, ma biddel xejn minn dak li afferma

*a tempo vergine* u *ta spjegazzjoni ta' x'għamel* u fejn kien fil-ħinijiet approssimattivi għas-serqiet imputati b'mod sodisfaċenti. Inoltre din il-Qorti tħoss li mix-xhieda tad-difiża speċjalment dik ta' omm l-akkużat hemm biżżejjed biex fuq *l-iskorta tad-dottrina* u *ġurisprudenza li din il-Qorti esponiet* fil-parti introduttiva *ta' din* is-sentenza mhux biss tikkonfronta in pjen *it*-teżi ta' l-akkużat iżda tiskossa mhux bi ftit il-każ kollu tal-prosekuzzjoni billi tikkostitwixxi prova suffiċċjenti fuq bażi ta' probabbilità li verament l-akkużat minn x'ħin *twassal* id-dar f'xi l-10.30 p.m. u ħareġ *ma' missieru* wara li kien jixtri s-sigaretti ma reġax ħareġ mid-dar sakemm ġabritu l-Pulizija fis-sigħat bikrin ta' filgħodu. Din il-Qorti ħasbet fit-tul fuq ix-xhieda ta' l-akkużat u dik tal-persuni li ressaq jixhdu *in proprio difesa* u *tara* konsistenza *kbira f'dak li ngħad nonostanti* kontro-eżami li f'kull każ ġie kondott bl-akbar akkuratezzi u fid-dettal;

In konklużjoni għalhekk din il-Qorti hi tal-fehma *li kemm* għax il-provi tal-prosekuzzjoni *huma dubjużi għall*-aħħar kif ukoll għaliex il-provi *tad-difiża* huma konsistenti u attendibbli l-appellant ġie misjub ħati ħażin fuq il-fatti tal-kawża fit-termini ta' l-artikolu 501(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u fuq din il-bażi l-appell ta' l-akkużat jimmerita li jiġi akkolt. *In kwantu* l-appellant ippretenda *li* l-appell *tiegħu għandu jiġi* wkoll akkolt a bażi ta' l-artikolu 501(1)(b) din il-Qorti ma tarax li dan hu l-każ peress li ma jirriżultax li kien hemm irregolaritajiet matul il-kawża u kif ġie spjegat ma jirriżultax li kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni żbaljata *tal-liġi li seta' kellha* influwenza fuq il-verdett;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tilqa' l-istess u konsegwentement tirrevoka s-*sentenza* appellata u għalhekk filwaqt *li fit-termini ta'* l-artikolu 501(1)(a) tal-Kodiċi

Kriminali tiddikjara li l-appellant ġie misjub ħati ħażin fuq il-fatti tal-kawża, in forza ta' l-artikolu 501(2) ta' l-istess Kodiċi tħassar id-dikjarazzjoni ta' ħtija tiegħu u tordna li jiġu rreġistrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni fil-konfront tiegħu.